

Brussell, 2 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13386/25

SOC 632
ANTIDISCRIM 88
FREMP 255

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12742/25	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà permezz tal-promozzjoni tal-għajxien indipendenti – <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà permezz tal-promozzjoni tal-għajxien indipendenti.
2. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fl-14 ta' Lulju u l-10 ta' Settembru 2025.
3. Intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota¹.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet fl-Anness ta' din in-nota lill-Kunsill EPSCO għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2025.

¹ Saru bidliet tekniċi żgħar fit-test.

**Inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà
permezz tal-promozzjoni tal-għajxien indipendenti**

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JINNOTA LI:

1. L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż dik abbażi ta' diżabbiltà, kif stipulat fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. Fl-2021, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea laqa' bi pjaċir u approva l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 ("Strateġija tal-UE dwar id-Diżabbiltà")². L-Istrateġija tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD), li ġiet konkluża mill-Unjoni u rratifikata mill-Istati Membri kollha, kif ukoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipju 17 tiegħu, li jenfasizza l-importanza tal-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabbiltà.
3. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabbiltà tiddikjara li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-UE għandhom iqisu l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà meta jfasslu, jimplimentaw u jissorveljaw il-politiki, il-leġiżlazzjoni u l-programmi ta' finanzjament, permezz ta' azzjoni mmirata u tal-integrazzjoni. Tippromwovi wkoll perspettiva intersezzjonali.

² 9749/1/21 REV1

4. Id-dritt għal għajxien indipendenti huwa minqas fl-Artikolu 19 tal-UNCRPD, li jorbot lill-Istati Parti biex jieħdu miżuri effettivi ħalli jiffaċilitaw it-tgawdija sħiħa, mill-persuni b'diżabbiltà, tad-dritt għal għajxien indipendenti u l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fil-komunità. L-Avviż tal-Kummissjoni - Gwida dwar l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità ta' persuni b'diżabbiltà fil-kuntest tal-finanzjament tal-UE ("Gwida tal-Kummissjoni dwar l-Għajxien Indipendenti") jagħti rakkomandazzjonijiet prattiċi lill-Istati Membri dwar l-użu tal-finanzjament tal-UE biex jiġu appoġġati investimenti u riformi strutturali ħalli jiġi promoss l-għajxien indipendenti għall-persuni b'diżabbiltà u jiġu appoġġati l-isforzi nazzjonali u reġjonali biex tiġi implimentata l-UNCRPD.
5. Huwa stmat li aktar minn miljun persuna b'diżabbiltà taħt l-età ta' 65 sena, u aktar minn 2 miljun persuna b'diżabbiltà li għandhom aktar minn 65 sena, għexu f'istituzzjonijiet fl-UE skont riċerka tal-2020³⁴. Minkejja l-progress li sar, l-Istati Membri jinsabu fi stadji differenti fl-iżvilupp ta' kundizzjonijiet għall-għajxien indipendenti. Minħabba f'hekk, ħafna persuni b'diżabbiltà għadhom isibu ostakli biex jeżerċitaw bis-sħiħ id-dritt tagħhom li jagħżlu u jkollhom kontroll fuq id-deċizzjonijiet li jirrigwardaw ħajjithom, inkluż fejn jgħixu, kif jgħixu u ma' min. Għalhekk hemm bżonn li jsiru aktar sforzi fil-livell tal-UE u nazzjonali, biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabbiltà jgawdu bis-sħiħ id-dritt tagħhom li jgħixu fil-komunità l-istess bħal ħaddieħor.

³ Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u Grammenos, S., *COVID-19 and persons with disabilities – Statistics on health, care, isolation and networking*.

⁴ Ir-riċerka tissuġġerixxi li l-għadd ta' tfal, adulti u persuni akbar b'diżabbiltà fl-età f'istituzzjonijiet residenzjali kompli jżied f'dawn l-aħħar snin, *Eurofound (2024), Paths towards independent living and social inclusion in Europe, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu*.

6. Il-forniment adegwat, integrat u kontinwu ta' servizzi ta' appoġġ komunitarju ċċentrati fuq il-persuna, bħal assistenza personali, teħid ta' deċiżjonijiet appoġġat u networks ta' appoġġ, huwa essenzjali biex persuni b'diżabbiltà jiġu integrati għalkollox fil-komunità u biex jiġu evitati l-iżolament jew is-segregazzjoni mill-komunità. Huma meħtieġa wkoll miżuri biex jiġu indirizzati l-ostakli persistenti li jtellfu l-aċċess ta' persuni b'diżabbiltà għas-servizzi u l-faċilitajiet komunitarji għall-poplu ġenerali l-istess bħal ħaddieħor, fost oħrajn postijiet ta' residenza aċċessibbli u mhux segregati li jistgħu jkunu ta' diversi tipi, minn abitazzjonijiet individwali sa arranġamenti ta' koabitazzjoni u tipi differenti ta' kirjiet.
7. Huwa kruċjali li jiġu appoġġati impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-settur tal-kura, sabiex tittejjeb il-professjonalizzazzjoni tal-kura, jingħataw servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema. Fl-istess ħin, filwaqt li jirrikonoxxu wkoll ir-rwol sinifikanti tan-nisa bħala persuni li jindukraw b'mod informali, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw aħjar lill-persuni li jindukraw mhux professjonalment u jappoġġawhom fl-attivitajiet tagħhom ta' għoti ta' kura b'miżuri bħad-dritt ta' mistrieħ għall-persuni li jindukraw u servizzi ta' appoġġ.
8. L-isforzi biex jiġu żgurati l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà huma mxekkla minn ostakli għall-aċċess għas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni u t-taħriġ, impjeg, il-kultura, l-isport u attivitajiet ta' rikreazzjoni l-istess bħal ħaddieħor, anke minħabba n-nuqqas ta' aċċessibbiltà u akkomodazzjoni raġonevoli f'dawn l-oqsma. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li s-servizzi u l-faċilitajiet komunitarji li huma disponibbli għall-poplu ġenerali jkunu disponibbli wkoll għall-persuni b'diżabbiltà l-istess bħal ħaddieħor u li jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom. Kif inhu enfasizzat fl-UNCRPD, l-applikazzjoni ta' prinċipji universali tad-disinn fil-ħolqien ta' servizzi u ambjenti ġodda trawwem aċċess ugwali għal kulħadd u tnaqqas id-dipendenza minn adattamenti li jsiru aktar tard.

9. It-teknoloġija assistiva affordabbli u s-soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi u aċċessibbli għandhom rwol kruċjali biex ikun possibbli l-għajxien indipendenti, pereżempju permezz tal-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' apparat u software li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni, il-mobbiltà, u l-aċċess għall-informazzjoni, billi jipprovdu kura fid-dar u telekura għall-persuni b'diżabbiltà, anke f'żoni rurali u remoti. Barra minn hekk, l-aċċessibbiltà tat-teknoloġiji u s-servizzi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, anke permezz tal-iżvilupp ta' ħliet diġitali, hija prerekwiżit biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, fost oħrajn id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, u jkunu jistgħu jinnavigaw il-komunitajiet tagħhom mingħajr ma jsibu ostakli għall-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà. Għal dak il-għan, l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà, appoġġat mill-attivitajiet ta' AccessibleEU, jikkontribwixxi biex tittejjeb l-aċċessibbiltà fl-UE.
10. Is-sitwazzjonijiet ta' kriżi jaffettwaw lill-persuni b'diżabbiltà b'mod sproporzjonat, u spiss jaggravaw il-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi li jkun diġà hemm. Il-persuni b'diżabbiltà għadhom isibu ostakli li jżommuhom milli jaċċessaw u jibbenefikaw bis-sħiħ minn rispons ta' emerġenza bħal ħaddieħor, u t-tfassil u t-twassil tal-assistenza għadhom mhumieq adattati biżżejjed għall-ħtiġijiet tagħhom. L-indirizzar ta' din il-kwistjoni, anke permezz ta' pjanijiet ta' emerġenza, huwa importanti wkoll fil-kuntest li jiġi ffaċilitat l-għajxien indipendenti.
11. Il-miżuri li jippromwovu l-għajxien indipendenti għandhom iqisu d-diversi forom li jikkoinċidu ta' diskriminazzjoni u żvantaġġ, li jistgħu jaffettwaw lill-persuni b'diżabbiltà. B'mod partikolari n-nisa, it-tfal u persuni akbar fl-età b'diżabbiltà spiss jesperjenzaw ostakli, realtajiet u ħtiġijiet differenti, u jinsabu f'aktar riskju ta' esklużjoni. In-nisa u l-bniet b'diżabbiltà spiss jinsabu f'aktar riskju ta' vjolenza, korrimment jew abbuż, traskuraġni jew negliġenza, trattament ħażin jew sfruttament. Għalhekk, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa u uguali tagħhom fl-oqsma kollha u tad-dritt tagħhom li jgħixu fil-komunità bħal ħaddieħor teħtieġ attenzjoni partikolari u miżuri adattati bħala rispons għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX, skont il-kompetenzi tagħhom u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali:

12. Jiżviluppaw jew ikomplu jtejb u l-miżuri biex jiġi promoss l-għajxien indipendenti ta' persuni b'diżabbiltà f'konformità, kif xieraq, mal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 u sabiex jissodisfaw l-obbligi fl-UNCPRD u b'mod partikolari dawk li jinsabu fl-Artikolu 19.
13. Meta jħejju politiki, strateġiji u azzjonijiet, jieħdu mill-għarfien u l-aħjar Prattiki eżistenti, filwaqt li jqisu l-approċċ rifless fil-Gwida tal-Kummissjoni dwar l-Għajxien Indipendenti, b'mod partikolari rigward l-użu effettiv tal-finanzjament tal-UE biex jippromwvu l-għajxien indipendenti għall-persuni b'diżabbiltà u, fejn rilevanti, jagħmlu użu mill-appoġġ mogħti miċ-ċentru tar-riżorsi AccessibleEU.
14. Jappoġġaw interventi li jagħmluha possibbli li persuni b'diżabbiltà jgħixu indipendentement fil-komunità, anke billi jiżguraw id-disponibbiltà ta' postijiet ta' residenza aċċessibbli, affordabbli u mhux segregati u tal-appoġġ meħtieġ biex ikun possibbli l-għajxien indipendenti, filwaqt li jirrispettaw l-għażliet individwali u jqisu ċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet individwali.
15. Itejbu l-konsultazzjoni ma' persuni b'diżabbiltà u jippromwvu l-involvement attiv tagħhom fil-livelli kollha fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' azzjonijiet u politiki li jikkonċernawhom, anke permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

16. Jippromwovu l-aċċess għal u l-affordabbiltà ta' servizzi ta' appoġġ iċċentrati fuq il-persuna, bħall-assistenza personali, it-teknoloġija assistiva, it-teknoloġiji u s-servizzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni aċċessibbli, it-teħid ta' deċiżjonijiet appoġġat u s-sistemi ta' appoġġ organizzati (eż. appoġġ bejn il-pari, ċentri għall-għajxien indipendenti u arranġamenti ta' għajxien appoġġat).
17. Jiżguraw li s-servizzi disponibbli għall-poplu ġenerali jkunu wkoll disponibbli, aċċessibbli, affordabbli, inklużivi u adattabbli għall-persuni b'diżabbiltà u li jingħataw b'mod ikkoordinat.
18. Jipprovdu taħriġ biex il-fornituri ta' servizzi jiffaċilitaw l-appoġġ u l-ġhoti ta' servizzi iċċentrati fuq il-persuna fil-komunità, bl-għan li jappoġġaw l-għajxien indipendenti f'konformità mal-UNCRPD.
19. Jinformaw lill-persuni b'diżabbiltà, fosthom lir-residenti attwali tal-istituzzjonijiet u l-familji tagħhom, dwar id-drittijiet, l-intitolamenti u l-opzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-postijiet ta' residenza u joffru l-appoġġ u l-gwida meħtieġa fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, anke permezz ta' pjanijiet individwali u ġestjoni tal-każijiet.
20. Iżidu, fejn meħtieġ, id-disponibbiltà ta' postijiet ta' residenza affordabbli, aċċessibbli, inklużivi, mhux segregati u sikuri fil-komunitajiet sabiex jiġu evitati l-possibbiltà li persuni jisfaw mingħajr dar u l-privazzjoni ta' akkomodazzjoni u jiġi ffaċilitat l-għajxien indipendenti.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

21. Filwaqt li tqis, kif applikabbli, l-Osservazzjonijiet tal-għeluq dwar it-tieni u t-tielet rapporti perjodiċi kkombinati tal-Unjoni Ewropea mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, tkompli tiffoka fuq il-promozzjoni u l-iżgurar ta' għajxien indipendenti meta tippreżenta inizjattivi u azzjonijiet bħala parti mit-tieni nofs tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 u telimina kwalunkwe diskrepanza li fadal fil-politiki, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u d-diversità tas-sistemi fl-Istati Membri.

22. Meta tkun qed tħejji inizjattivi u azzjonijiet, tikkonsulta u tinvolvi b'mod attiv lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, speċjalment lill-persuni b'diżabbiltà permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u l-Pjattaforma Ewropea tad-Diżabbiltà.
23. Tivvaluta l-funzjonament tas-suq intern għat-teknoloġiji assistivi u l-ħtieġa ta' aktar azzjoni dwar l-eliġibbiltà u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti sabiex jitlej l-aċċess u jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tat-teknoloġiji assistivi.
24. Tippromwovi u tiffaċilita t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajbin fost l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabbiltà, sabiex jissaħħu l-fehim tal-approċċ tad-drittijiet tal-bniedem għall-inklużjoni tad-diżabbiltà, il-bażi ta' għarfien rigward oqsma bħall-aċċessibbiltà u l-għajxien indipendenti, inkluż l-assistenza personali għall-persuni b'diżabbiltà, u l-modi kif jistgħu jitlejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-kura u jiġu appoġġati l-persuni li jindukraw b'mod informali u l-assistenti personali.
25. Ittejjeb id-disponibbiltà ta' data diżaggregata skont is-sessi dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà li jgħixu f'arranġamenti ta' għajxien differenti fl-Unjoni, anke mil-lat ta' kwalità tal-ħajja u l-inklużjoni fil-komunità u l-iżvantaġġi u l-benefiċċji relattivi tagħhom, u twettaq analiżi ta' dan bl-involviment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-Eurofound, bl-għan li jiġi approfondit il-fehim tal-ostakli u l-fatturi ta' suċċess fl-iżgurar ta' għajxien indipendenti, filwaqt li jitqiesu l-għażliet, iċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet individwali.

26. Taħdem favur l-integrazzjoni sistematika tad-diżabbiltà f'konformità mal-UNCPRD fil-politiki kollha tal-UE u billi, fejn ikun rilevanti, tintegra miżuri inklużivi għad-diżabbiltà u ta' aċċessibbiltà fi strateġiji ewlenin tal-UE bħall-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza, il-Pjan ta' Azzjoni futur għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Pjan Ewropew futur għal Akkomodazzjoni Affordabbli, l-Istrateġija futura tal-UE kontra l-Faqar, u meta tfassal strateġija indipendenti futura ta' livell għoli tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-perjodu ta' wara l-2025, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabbiltà u jqisu l-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli u li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabbiltà.
27. Tiżviluppa linji gwida komprensivi dwar x'azzjoni għandha tittieħed f'emerġenzi adattati għat-tipi kollha ta' insuffiċjenza (fosthom dawk fiżiċi, mentali, intellettuali jew sensorji), u dwar kif jistgħu jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni, kif ukoll dwar it-taħriġ għall-persuni tal-ewwel rispons biex jagħrfu t-tipi differenti ta' insuffiċjenzi u kif għandhom jaġixxu skont il-każ.
-

Referenzi

1. UE interistituzzjonali

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Kummissjoni Ewropea: Segretarjat Ġenerali, *Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017.

2. Leġiżlazzjoni tal-UE

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16–22.

Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku, ĠU L 327, 2/12/2016, p. 1–15.

Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70–115.

3. Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja 2022/C 476/01 (ST/13948/2022/INIT), ĠU C 476, 15.12.2022, p. 1–11.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 (9749/1/21 REV1).

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol (15134/22).

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri – "Nappoġġaw lill-persuni b'diżabbiltà" (15575/23).

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabbiltà permezz ta' impjieg, akkomodament raġonevoli u riabilitazzjoni (16543/24).

4. Parlament Ewropew

The EU Strategy for the Rights of Persons with Disabilities 2021-2030 - Achievements and perspectives, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadin u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, PE 767.095 - Novembru 2024.

5. Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni dwar "Unjoni ta' Ugwaljanza:Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021–2030", COM(2021) 101 final.

Il-Kummissjoni Ewropea, Gwida dwar l-ġhajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità ta' persuni b'diżabbiltà fil-kuntest tal-finanzjament tal-UE, C(2024) 7897 final.

Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u Grammenos, S., *COVID-19 and persons with disabilities – Statistics on health, care, isolation and networking*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, *Report on aċċess to essential services in the EU – Commission staff working document*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

6. Eurofound

Eurofound (2024), *Paths towards independent living and social inclusion in Europe*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu.

7. Nazzjonijiet Uniti

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà.

Il-Kumment Ġenerali Nru 5 tal-Kumitat Ġenerali (2017) dwar l-Artikolu 19 - id-dritt għal għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità.

Osservazzjonijiet tal-għeluq dwar it-tieni u t-tielet rapporti perjodiċi kkombinati tal-Unjoni Ewropea, Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, CRPD/C/EU/CO/2-3.
